MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Numru. 589/2009

**Il-Pulizija**
**SpetturJames Grech**

**vs**

**Sonia Bajada**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sonia Bajada ta' 36 sena, bint Ronald u Maria nee' Gallo, mwielda San Giljan fit-22 ta' Dicembru 1972 u residenti 16, 'Cobblestone', Triq Mons. Arturo Bonnici, Msida u detentrici tal-karta tal-identita' numru 7073(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

1. Ikkommettiet serq ta' diversi kotba minn gewwa Agenda Bookshop sitwat f' Embassy Complex, Triq Sta. Lucia, Valletta ta' valur li jeccedi l-ammont ta' €232.94 izda inqas minn €2329.37 liema reat huwa aggravat bil-

valur ghad-detriment ta’ Malcolm Miller detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 782654M,

2. Fl-istess zmien u cirkostanzi, kkommettiet serq ta’ diversi kotba ta’ valur li jeccedi l-ammont ta’ €23.29, minn gewwa Agenda Bookshop sitwat f’Embassy Complex, Triq Sta. Lucia, Valletta, ghad-detriment ta’ Malcolm Miller detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 782654M,

3. Fl-istess zmien u cirkostanzi, kkommettiet serq semplici ta’ brazzulletti liema ammont ma jeccedix €23.29 minn gewwa Peacocks sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta ghad-detriment ta’ Arcadia Marketing Ltd.,

4. Fl-istess zmien u cirkostanzi, kkommettiet serq semplici ta’ flus liema ammont ma jeccedix €23.29 minn gewwa Clamus Stationary sitwat fi Triq Melita Valletta,

5. Fl-istess zmien u cirkostanzi, kkommettiet serq semplici ta’ flus liema ammont ma jeccedix €23.29 minn gewwa l-Bank of Valletta sitwat fi Triq ir-Repubblika Valletta ghad-detriment ta’ Community Chest Fund,

6. Fl-istess zmien u cirkostanzi, talli rrendiet ruhha recidiva b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

7. Fl-istess zmien u cirkostanzi, kisret kundizzjoni mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-04 ta’ Marzu 2009 mill-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Lulju 2009 (esebit a fol. 32 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u deciza minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tad-19 ta’ Gunju, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Rat il-pre-sentencing report (esebit a fol. 40-59) u semghat ix-xhieda tal-Probation Officer Marieta Lanzon waqt l-udjenza tas-7 ta’ Jannar 2010.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda kkunsidrat ukoll il-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer Marietta Lanzon fil-Pre-sentencing Report fejn din spjegat li l-imputata tisraq sabiex issostni l-vizzju tad-droga u qalet ukoll li l-istess imputata ghandha bzonn tkun f’ambjent ikkontrollat sabiex tinghata l-ghajnuna u tibda t-triq halli tidhol fi programm residenzjali u ssuggerit li fic-cirkostanzi piena karcerarja tkun l-aktar piena idonja. Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261, 267, 279(a), 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha tnax(12) - il xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------